# Ir-Restawr tal-Oratorju

*Kitba tal-Perit Ruben Abela*

L-Oratorju tal-Fratellanza tas-Sagrament fiż-Żejtun inbena bejn l-1743 u l-1746 u huwa wieħed mill-ftit Oratorji f'Malta li jinstab f'binja għalih biswit il-Knisja Parrokkjali. Huwa fil-fatt inbena waqt li kien għadu għaddej ix-xogħol fuq il-bini tal-istess knisja. Meta n-navi tal-knisja kienu għadhom ma nbnewx il-kampnari kienu wieħed imiss mal-Oratorju u l-ieħor pariġġu iżda fin-naħa tal-artal tar-Rużarju.
Nistgħu ngħidu li l-Oratorju taż-Żejtun, bħal bosta mill-Oratorji l-oħra li hemm f'parroċċi differenti f'Malta, inbena fl-aqwa tal-era Barokka f'pajjiżna. B'hekk huwa ddekorat b'xogħol mill-isbaħ ta' dan il-perjodu, kemm minn ġewwa kif ukoll minn barra. Dan ix-xogħol jikkonsisti f'dak maħdum fl-injam, fil-pittura u fil-ġebla. Iżda bħalma jgħid il-Malti, iż-żmien kollox isajjar għaliex wara ftit aktar minn mitejn u ħamsin sena minn meta tlesta, il-bini tal-Oratorju kellhom jiżżarmaw partijiet minnu minħabba li kienu ta' periklu għan-nies u bejn l-2004 u l-2007 kellu quddiemu armar biex jipproteġi lin-nies minn xi ġebel li seta' jaqa'. Kollox kien jindika li jekk ma kinetx ser tittieħed azzjoni mmedjata, dan il-monument kien ftit ftit qiegħed jitmermer u jintilef. Grazzi għall- ġenerożita' kbira ta' benefattriċi, il-parroċċa setgħet timbarka fuq proġett ta' restawr fuq dan il-wirt li ħallewlna missirijietna.



**Il-bini ta' l-Oratorju kellhom jiżżarmaw partijiet minnu minħabba li kienu ta' periklu għan-nies**

Matul l-aħħar nofs tal-2006 bdew jitħejjew l-istudji neċessarji fuq il-bini sabiex wieħed jevalwa bir-reqqa l-ħsarat li kellu u jitfasslu proposti dwar x'tip ta' interventi kien hemm bżonn. Sa mill-bidu deher ċar li l-akbar ħsara kienet fil-kampnar. Il-frontuspizzju kien inħatt fl-2004 u l-ġebel li kien jiffurmah tħalla f'borġ fuq il-kampnar. Is-sammrotti ta' fuq il-faċċata li kienu xi darba jiffurmaw it-troll tal-kampnar tant kienu therrew li tista' tgħid li dak li kien fadal minnhom kienu għadhom f'posthom b'miraklu. L-erba' gastri bil-fjammi li sa nofs is-snin disgħin kienu għadhom iżejnu l-opramorta fuq kull naħa tal-kampnar kienu tneħħew għal kollox u kulma ġiet salvata minnhom kienet waħda mill-fjammi. Meta tlajt fuq il-bejt sibt aktar bċejjeċ ta' ġebel li kienu jiddekoraw dan il-bini, fosthom salib, u li minħabba l-istat ħażin li kienu fiha waqgħu minn posthom. Iżda l-ħsara kienet mifruxa wkoll mal-kumplament tal-faċċata u l-ġenb tal-bini.



**Sa mill-bidu deher ċar li l-akbar ħsara kienet fil-kampnar**

Konsentura kbira kienet tofroq il-faċċata min-nofs, minn fuq s'isfel, bl-aktar ħsara tispikka fl-emblema Ewkaristika miżmuma minn żewġ anġli li hemm fuq il-bieb tal-Oratorju. Din il-biċċa xogħol artistika kienet tant fi stat ħażin li l-puttini kienu tilfu diversi partijiet minn ġisimhom. L-istess jista' jingħad għal emblema Ewkaristika oħra li kien hemm fuq il-bejt bejn l-Oratorju u s-Sala Parrokkjali. Anzi din kienet f'qagħda ferm agħar u għalhekk mal-ewwel ittieħdet id-deċiżjoni li din kellha titniżżel minn hemm biex tiġi kkonsolidata u kkonservata u tinżamm fil-mużew tal-parroċċa u minflokha ssir replika. Fil-fatt din kienet l-ewwel biċċa xogħol li saret mill-ħaddiema tat-Taqsima ta' Konservazzjoni fi ħdan Heritage Malta, l-aġenzija li f'Novembru tal-2006 ġiet afdata bix-xogħol kollu ta' konservazzjoni u restawr tal-Oratorju. L-emblema tniżżlet minn postha u ittieħdet fil-laboratorji ta' Heritage Malta f'Bighi f'Lulju tal-2007 fejn hemmhekk ġiet ittrattata min-nies professjonali fil-qasam tal-

konservazzjoni u r-restawr. L-istess sar mill-bċejjeċ tal-ġebel li kien hemm fuq il-bejt.



**L-emblema tniżżlet minn postha u ttieħdet fil-laboratorji ta' Heritage Malta f'Bighi f'Lulju ta' l-2007 fejn hemmhekk ġiet ittrattatha minn nies professjonali fil-qasam tal-konservazzjoni u r-restawr. L-istess sar mill-bċejjeċ tal-ġebel li kien hemm fuq il-bejt.**



Ix-xogħol fuq il-faċċata tal-Oratorju inbeda bl-armar tal-*iscaffolding* f'Ottubru tal-istess sena fejn dan ħa madwar xahar biex intrama kollu. L-ewwel xogħol li sar fuq il-faċċata kien it-tindif. Hawnhekk ridna noqogħdu attenti ħafna sabiex tinżamm il-patina tal-ġebla u ma jsirx tindif eċċessiv u l-faċċata tiġi bajda karti. Fil-fatt ittieħdet deċiżjoni li l-faċċata ma tinħasilx iżda titnaddaf biss bl-ixkupilji. Waqt li kien qed jitnaddaf il-gwarniċun ta' fuq tal-faċċata sibna l-marki tal-bennejja minquxa fuq kull ġebla li kienet tifforma dan l-istess gwarniċun. Dawn kienu marki minquxa minn min ikun ħadem l-irkaptu sabiex wara jkun jista' jitħallas skond kemm il-biċċa jkun ħadem. Partijiet mill-fili tal-faċċata kellhom jinfetħu u jerġgħu jitkaħħlu bil-ġir u r-ramel.



**L-ewwel xogħol li sar fuq il-faċċata kien it-tindif.**

Fi Frar tal-2008 inbdiet l-akbar biċċa xogħol fuq il-faċċata billi tħattet parti mill-kampnar li kienet strutturalment perikoluża sabiex terġa' tinħadem b'ġebel ġdid. Hawnhekk wieħed seta' japprezza aktar il-metodu ta' kostruzzjoni użat fil-bini ta' dan il-perjodu u aktar minn hekk wieħed jibqa' mistgħaġeb kif ġebel ta' dak id-daqs kien jittella' f'dak l-għoli mingħajr l-inġenji li għandna illum u fuq armar tal-injam.

Wara waqfa ta' sitt xhur minn fuq dan il-proġett, il-Mastri u l-apprendisti meddew għonqhom għal xogħol mill-aktar diffiċli iżda daqstant interessanti. Mill-vażi kbar li nxtraw u nġiebu fuq iz-zuntier, beda jinħadem l-irkaptu, f'xogħol ta' lavur u gwarniċar. Gajj ieħor beda x-xogħol minn vażi akbar fuq il-gastri u l-fjammi din id-darba ġewwa Bighi. Kien ta' sodisfazzjon kbir għal dawn il-ħaddiema meta fix-xhur sħan tas-sajf u minn wara n-*'net'* skura li kienet tgħatti l-*iscaffolding* u fl-istess ħin tipprovdilhom ftit dell, bdew jaraw xogħolhom jitqiegħed f'postu u l-kampnar jibda jieħu s-sura li xi darba kellu. Iżda l-quċċata ta' dan intlaħqet meta tpoġġew l-aħħar ġebliet kbar tal-frontuspizzju u tqiegħed lura s-salib. Xi ġimgħat wara nġiebu l-gastri minn Bighi u tqegħdu wkoll f'posthom. Issa l-għadma iebsa kienet għaddiet u ż-Żwieten bdew jaraw il-faċċata tal-Oratorju tinkixef livell wara l-ieħor. Ġew irrestawrati partijiet mill-

gwarniċuni u fejn kien hemm imxellef jew nieqes reġa' nħadem. Sar id-deffun fuq l-istess gwarniċuni sabiex ma jżommx ilma tax-xita fuqhom u b'hekk jerġa' jiġrilhom il-ħsara. Wara dan ix-xogħol id-differenza kienet ovvja, iżda jekk wieħed iqabbel ir-ritratti ta' kif kienet il-faċċata qabel ma' dawk li ttieħdu wara r-restawr jintebaħ bl-ammont ta' xogħol li sar. Ħarsu waħda lejn ir-ritratti tal-emblema Ewkaristika li hemm fuq il-bieb!





**Mill-vażi kbar li nxtraw u nġiebu fuq iz-zuntier, beda jinħadem l-irkaptu, f'xogħol ta' lavur u gwarniċar. Gajj ieħor beda x-xogħol minn vażi akbar fuq il-gastri u l-fjammi din id-darba ġewwa Bighi**





**Il-quċċata ta' dan intlaħqet meta tpoġġew l-aħħar ġebliet kbar tal-frontuspizzju u tqiegħed lura is-salib. Xi ġimgħat wara nġiebu il-gastri minn Bighi u tqegħdu wkoll f'posthom.**





**Wara dan ix-xogħol id-differenza kienet ovvja, iżda jekk wieħed iqabbel ir-ritratti ta' kif kienet il-faċċata qabel ma' dawk li ttieħdu wara r-restawr jintebaħ bl-ammont ta' xogħol li sar. Ħarsu waħda lejn ir-ritratti tal-emblema Ewkaristika li hemm fuq il-bieb!**

Kienu bosta li apprezzaw ix-xogħol li sar iżda ftit jifhmu li biex isir xogħol bħal dan hemm etika li wieħed irid josserva bir-reqqa. Niltaqa' ma' bosta nies li jgħidulek li ġebla marida aqbad u ibdilha b'waħda ġdida. Din mhix il-prattika korretta. L-ewwel nett wieħed irid jara x'qed jifhem meta jgħid ġebla marida. L-etika ta' konservazzjoni titolbok biex iżżomm kemm tista' minn dak kollu li hu oriġinali. Il-preġju u l-valur qiegħed f'dak kollu li hu oriġinali, jiġifieri dak li sar aktar minn mitejn u ħamsin sena ilu mhux fil-kopja li saret illum. Huwa għalhekk li dak li strutturalment kien b'saħħtu, minkejja li forsi għal uħud deher immermer, ġie kkonservat. Hekk ġara mis-slaleb tal-ġebel.

Issa li x-xogħol kollu fuq il-faċċata ewlenija tista' tgħid li kważi lest, u x-xogħol fuq il-faċċata tal-ġenb jinsab fi stadju avvanzat, wieħed qiegħed jistenna li fil-ġimgħat li ġejjin jintemm dan il-proġett u jibda ieħor ferm akbar – ir-restawr tal-Knisja Parrokkjali. Ir-restawr tal-Oratorju serva ta' prova importanti għall-metodoloġija li irrdu nużaw fuq il-kumplament tal-bini tal-knisja, u aktar minn hekk tana indikazzjoni aħjar tal-ispejjeż involuti biex wieħed ikun jista' jidħol għal proġett bħal dan. Li hu żgur hu li għandna bżonn ħafna l-għajnuna tagħkom sabiex dan il-ġojjell li ħallewlna missirijietna jkunu jistgħu igawduh uliedna.





# A. FERRIGGI

## Importers & Distributors

Power Tools, Castors & Wheels, Safety Equipment
& All Type of Hardware Accessories

**Tel/Fax: 21 673 719 Mob: 9947 5154**
**E-mail: antferriggi@onvol.net**